# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 868

KAZ NRU. 1017

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Ellul

u

C. & F. Building Contractors Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 19 ta' Settembru 1997

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Introduzzjoni**

Illi permezz ta' ittra datata l-1 ta' April 1996, l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din il-kwistjoni tax-xoghol ghat-temm obbligatorja taghha ai termini tal-Art. 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-ittra promotorja ta' l-appellant ghalkemm mhix datata tallega nuqqas ta' xoghol meta effettivament impjegat lil terz hekk kif spicca huwa minn mas-socjeta' intimata. Mentri fl-*istatement of case*

tieghu, tirrizulta wahda ferm xotta, u semplicement tallega li l-impjieg tieghu gie terminat hesrem!

Illi da parti taghha, s-socjeta' intimata, tallega li huwa semplicement kaz ta' *redundancy* fis-sens li n-necessita' tieghu kif ukoll *del resto* ta' siehbu, ma kinitx aktar necessarja billi x-xoghol partikolari taghha fuq lant ta' kostruzzjoni kien gie definit ossia terminat.

**Fatti**

L-appellant fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tat-2 t'Awissu 1997 xehed li beda jahdem mas-socjeta' intimata fl-1 ta' Settembru, 1995 u spicca fl-1 ta' Marzu, 1996. Huwa jallega kif ovvjament qaltlu l-iskrivana tal-principal, li kien se jispicca sabiex jigu impjegati tnejn ohra tal-Gvern.

Da parti taghha, s-socjeta' intimata ipproduciet bhala xhieda lil Frank Schembri, Direttur. Huwa xehed fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1996, illi kellu bzonn ta' *watchman* anzi tnejn, fuq lant ta' xoghol ta' kostruzzjoni li kien qed jaghmel fl-interess tad-Dipartiment tad-Djar. Meta kellu anke hamsa u erbghin fil-mija (45%) lant kellu bzonn dawn il-*watchmen* minhabba kwistjonijiet ta' sigurta' aktar u aktar meta tibda l-fazi tal-kompletazzjoni ossia l-*finishing.* Li ma qalx pero' huwa dak li gie allegat mill-A.I.C. Stephen Bonello, in rapprezentanza tal-*Housing Department* fis-seduta tal-20

ta’ Marzu 1997, cioe’ li l-prezenza ta’ *watchman* kienet imposta bil-kuntratt tal-appalt stess. Fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 1997 ikkonferma illi f’April 1996 id-dipartiment ha f’idejh il-progett ghalkemm kien ghad baqa’ *snag list* u tigi kompletata.

Fit-18 ta’ April, 1997 xehed Edwin Mallia in-rapprezentanza tal-*Employment Training Corporation (E.T.C.)* li, esebixxa l-formoli tal-bidu u tmiem ta’ mpjieg, kif ukoll il-formola relattiva pprezentata mis-socjeta’ intimata.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-perm tas-soluzzjoni ta’ din il-kwistjoni tax-xoghol jikkoncerna ruhu fuq zewg binarji, cioe’ l-ewwel x’tip ta’ kuntratt ta’ xoghol gie offrut lill-appellant mis-socjeta’ intimata, u x’kuntratt ta’ xoghol accetta u/jew gie accettat mill-impjegat l-odjern appellant minghand is-socjeta’ intimata bhala principal tieghu, u t-tieni l-pozizzjoni ndustrijali tal-appellant vis-a-vis il-principal tieghu f’relazzjoni kontrattwali ma’ terzi.

Illi t-Tribunal ihoss illi ghandu jissottolinea li dan il-*pogrom* kollu nqala’ minhabba jew disgwid u/jew mizinformazzjoni u/jew nuqqas ta’ kommunikazzjoni da parti tas-socjeta’ intimata vis-a-vis l-impjegat taghha, l-odjern appellant. Da parti

tieghu, l-appellant ha kollox *for granted* minghajr ma ha interess f'hiex kien se jinvolvi ruhhu. Il-Kap 135, fl-Art. 30 sa 38 jipprovdu u jistipulaw il-provvedimenti tal-ligi li ghandhom jigu osservati u applikati.

Illi inoltre, s-socjeta' intimata ghalkemm kienet taf li kellha bzonn *watchman* ghal perjodu specifiku ta' zmien, naqset li tinforma b'dan sia lill-appellant u sia lill-*Employment Training Corporation*. Kieku l-appellant kien jaf b'dan, tenut kont anki tal-eta' pjuttost avvanzata tieghu, hu kien jahsibha darbtejn jekk jaccettax jew le, u jinqata' mir-registru tar-registrar ghax-xoghol.

Illi fl-ittra promotorja indirizzata lil Onorevoli Ministru, l-appellant allega li huwa tkecca sabiex jigu mpjegati ohrajn floku u flok siehbu, *watchman* ukoll. Jinghad pero' illi ma ngabet l-ebda prova dwar allegazzjoni li giet totalment michuda mis-socjeta' intimata.

Illi l-pendenza giet kristallizzata fuq in-necessita' tal-presenza ta' *watchman* fuq il-lant tax-xoghol, kif rikjest *del resto* mill-istess kuntratt ta' appalt. Hekk kif, fil-konsiderazzjonijiet taghha, s-socjeta' intimata hasset li ma kellhiex bzonn aktar ta' *watchman* fuq il-post ta' kostruzzjoni, hija tterminat l-impjieg tieghu a bazi ta' *redundancy*. L-appellant isostni li dment li kien ghadu  ma lestiex ix-xoghol kollu, s-

socjeta' intimata kienet tenuta zzommu fl-impjieg taghha u ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' xoghol u/jew *redundancy*.

Illi hawn *si tratta* ta' allegazzjoni ta' dritt tal-appellant fil-kwistjoni purament kummercjali u/jew amministrattiva interna ta' organizzazzjoni lavorattiva fuq il-post tax-xoghol. Din hija materja purament *res inter alios acta* ghall-appellant. Huwa ma kienx parti fil-kuntratt ta' l-appalt bejn id-Dipartment tad-Djar u s-socjeta' kostruttrici ntimata. Veru li kien hemm klawsola li tistipula impjieg ta' *watchman.* Jigi ribadit illi pero' din hija kwistjoni totalment estranea ghall-appellant. Il-partijiet kontrattwali kienu l-istess Dipartiment u l-istess socjeta' intimata. L-appellant ma kienx firmatarju lanqas hu ma allega dan u/jew ipprova dan. Stava ghad-Dipartiment stess li jara li t-termini tal-kuntratt jigu onorati. Jirrizulta li d-Dipartiment ma ghamel l-ebda verifika, aktar u aktar meta kien kuntratt *turn key,* aktar u aktar meta avolja kien ghad-baqa' *snag list* li tigi ezawrita, id-Dipartiment ha *over* il-post kostruwit sabiex jigi moghti lid-Dipartiment tal-Akkomadazzjoni Socjali sabiex iqassam il-*flats* lil beneficcjarji. Aktar u aktar is-Socjeta Intimata ma kellha l-ebda bzonn izjed ta' *watchman!* Fuq il-lantijiet ta' xoghol li kellha, ma kellhiex bzonn ta' *watchman*. Di fatti ma kellhiex persuni *ad hoc*. Kellha tqabbad tnejn min-nies mhux biss minhabba

kwistjonijiet ta’ sigurta’ kif xehed, id-direttur, izda wkoll kif xehed l-A.I.C. Bonello minhabba obbligazzjoni kontrat-twali. Kif dawn iz-zewg esigenzi gew sodisfatti allura n-necessita’ ta’ *watchman* kienet superfluwa.

**<u>Konkluzzjoni</u>**

It-Tribunal jiddikjara illi t-tkeccija ta’ l-appellant mill-impjieg mas-socjeta’ intimata ma saritx ghal raguni ngusta kif allegat mill-appellant, izda minhabba *redundancy* u ghalhekk gustament.

B’hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet terminata definittivament.

Ghal fini ta’ tassazzjoni, t-Tribunal jiffissa id-drittijiet fl-ammont ta’ tletin lira maltija (Lm30).

**ft/Dr Joseph P. Bonnici LL.D.**
**CHAIRMAN**
**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**-----------------**
**George Attard**
**SEGRETARJU**
**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**